Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Mejju 2021**
**(OR. en)**

**8833/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0006(COD)**

**CODEC 707**
**CADREFIN 245**
**SOC 281**
**ENER 183**
**ENV 314**
**PE 50**
**COH 2**

**NOTA TA' INFORMAZZJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Brussell, mis-17 sal-21 ta' Mejju 2021) |

## I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni[1], saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Manolis Kefalogiannis (PPE, EL), ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emenda numru 105) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

1 ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

## II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fit-18 ta' Mejju 2021, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 105) għall-proposta għal Regolament msemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni kif emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument[2].

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

[2] Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa ***grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu " ▌ " jindika test imħassar.

## P9_TA(2021)0219

## Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (COM(2020)0022 – C9-0007/2020 – 2020/0006(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2020)0022) u l-proposta emendata (COM(2020)0460),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 322(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0007/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Kamra tad-Deputati Ċeka, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-20 ta' Lulju 2020[1],

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2020 u tat-18 ta' Settembru 2020[2],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-2 ta' Lulju 2020[3],

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-3 ta' Marzu 2021, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-

---

1 ĠU C 290, 1.9.2020, p. 1.
2 ĠU C 311, 18.9.2020, p. 55 u ĠU C 429, 11.12.2020, p. 240.
3 ĠU C 324, 1.10.2020, p. 74.

Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0135/2020),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt[4];

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[4] Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-17 ta' Settembru 2020 (Testi adottati, P9_TA (2020)0223).

**P9_TC1-COD(2020)0006**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2021 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-punt (a) tal-Artikolu 322(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[4],

---

1 ĠU C 290, 1.9.2020, p. 1.

2 ĠU C 311, 18.9.2020, p. 55 u ĠU C 429, 11.12.2020, p. 240.

3 ĠU C 324, 1.10.2020, p. 74.

4 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2021.

Billi:

(1) Il-qafas regolatorju li jirregola l-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni għall-perijodu mill-2021 sal-2027, fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, jikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima[5] ("il-Ftehim ta' Pariġi")***, filwaqt li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1,5 °C aktar mil-livelli preindustrijali,*** u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti billi l-finanzjament tal-Unjoni jikkonċentra fuq objettivi ekoloġiċi. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta waħda mill-prijoritajiet stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta Diċembru 2019 intitolata "il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli li jipprovdi finanzjament iddedikat taħt il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-ispejjeż soċjali, ekonomiċi ***u ambjentali*** tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima, fejn kwalunkwe bilanċ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jiġi kkumpensat minn assorbimenti ekwivalenti.

[5] ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

(2) It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima tikkostitwixxi wieħed mill-objettivi ta' politika l-aktar importanti għall-Unjoni. Fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew approva l-objettiv li sal-2050 tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Filwaqt li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali ser tkun ta' benefiċċju għal kulħadd fuq terminu twil u tipprovdi opportunitajiet u sfidi għal kulħadd fuq terminu medju, mhux ir-reġjuni u l-Istati Membri kollha ser jibdew it-tranżizzjoni tagħhom mill-istess punt jew għandhom l-istess kapaċità ta' rispons. Xi wħud huma aktar avvanzati minn oħrajn, u t-tranżizzjoni tinvolvi impatt soċjali**,** ekonomiku ***u ambjentali*** usa' għal dawk ir-reġjuni li jiddependu ħafna fuq il-fjuwils fossili ***fl-użu tal-enerġija*** - speċjalment il-faħam, il-linjite, il-pit u x-shale bituminuż - jew fuq industriji b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra. Sitwazzjoni bħal din mhux biss toħloq ir-riskju ta' tranżizzjoni b'pass varjabbli fl-Unjoni fir-rigward tal-azzjoni klimatika, iżda wkoll ta' disparitajiet dejjem akbar bejn ir-reġjuni, li huwa ta' detriment għall-objettivi ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali.

(3) Sabiex tirnexxi u tkun soċjalment aċċettabbli għal kulħadd, it-tranżizzjoni trid tkun ġusta u ***inklużiva***. Għalhekk, l-Unjoni**,** l-Istati Membri ***u r-reġjuni tagħhom*** iridu jqisu l-implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi ***u ambjentali*** tagħha sa mill-bidu nett, u jużaw l-istrumenti kollha possibbli biex itaffu l-konsegwenzi negattivi. Il-baġit tal-Unjoni għandu rwol importanti f'dan ir-rigward.

(4) Kif stipulat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli, Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta jenħtieġ jikkomplementa l-azzjonijiet l-oħra skont il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-perijodu mill-2021 sal-2027. Jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jindirizza l-konsegwenzi soċjali***,*** ekonomiċi ***u ambjentali, b'mod partikolari għall-ħaddiema milquta fil-proċess*** ta' tranżizzjoni lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-***2050, billi*** jgħaqqad flimkien l-infiq tal-baġit tal-Unjoni fuq l-objettivi klimatiċi u soċjali fil-livell reġjonali ***u billi jimmira għal standards soċjali u ambjentali għolja***.

(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Fund, "JTF") li huwa wieħed mill-pilastri tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta implimentat skont il-politika ta' koeżjoni. L-għanijiet tal-JTF huma li jtaffi l-effetti negattivi tat-tranżizzjoni klimatika billi jappoġġja l-aktar territorji milquta u l-aktar ħaddiema kkonċernati ***u li jippromwovi tranżizzjoni soċjoekonomika bbilanċjata***. F'konformità mal-objettiv speċifiku uniku tal-JTF, jenħtieġ li l-azzjonijiet appoġġati mill-JTF jikkontribwixxu direttament biex itaffu l-impatt tat-tranżizzjoni billi jtaffu r-riperkussjonijiet negattivi fuq l-impjiegi u billi jiffinanzjaw id-diversifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-ekonomija lokali. L-għan speċifiku uniku tal-JTF huwa stabbilit fl-istess livell u elenkat flimkien mal-objettivi tal-politika stipulati fir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6+] .

---

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …. li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU ***...).***

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)] u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

(6) Filwaqt li jirrifletti l-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir sostenibbli u l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-JTF huwa maħsub biex jikkontribwixxi ***għall-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika u tas-sostenibbiltà ambjentali u għall-kisba tal-mira ġenerali ta' 30 % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni li tappoġġa objettivi klimatiċi u għall-ambizzjoni li 7.5 % tal-infiq annwali taħt il-qafas finanzjarju pluriennali jiġi ddedikat għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2024 u 10 % tal-infiq annwali taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2026 u l-2027, filwaqt li jitqiesu is-sovrappożizzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet fil-qasam tal-klima u tal-bijodiversità.*** Ir-riżorsi mill-pakkett proprju tal-JTF huma addizzjonali għall-investimenti li huma meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ġenerali ta' ***30*** % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni li tikkontribwixxi għall-objettivi dwar il-klima. ***Dawk ir-riżorsi*** jenħtieġ li jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-kisba ta' din il-mira ***flimkien mar-riżorsi trasferiti fuq bażi volontarja mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) stabbilit bir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[7+] ***u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[8++] ***. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-JTF jappoġġja attivitajiet li jirrispettaw l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u li ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[9]***, u li jiżguraw it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fil-perkors lejn il-kisba ta' Unjoni newtrali għall-klima sal-2050.***

(7) Jenħtieġ li r-riżorsi mill-JTF jissupplimentaw ir-riżorsi disponibbli taħt il-politika ta' koeżjoni.

---

7 Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni (ĠU...).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6168/21 [2018/0197(COD)] u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

8 Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU...).

++ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6980/21 [2018/0206(COD)] u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

9 Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(8) It-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima tippreżenta sfida lill-Istati Membri kollha. Dan ser ikun b'mod partikolari eżiġenti fuq dawk l-Istati Membri li jiddependu***, jew li sa ftit ilu kienu jiddependu,*** ħafna mill-fjuwils fossili jew minn attivitajiet industrijali b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra li ser jiġu eliminati b'mod gradwali jew li għandhom bżonn jadattaw għal tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u li ma għandhomx il-mezzi finanzjarji biex jagħmlu dan. Għaldaqstant il-JTF jenħtieġ li jkopri l-Istati Membri kollha, iżda d-distribuzzjoni tal-mezzi finanzjarji tiegħu jenħtieġ li ***tiffoka fuq dawk it-territorji li huma l-aktar milquta mill-proċess tat-tranżizzjoni klimatika, u*** tali distribuzzjoni jenħtieġ li tirrifletti l-kapaċità tal-Istati Membri biex jiffinanzjaw l-investimenti neċessarji biex ilaħħqu mat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.

***(9)*** Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] (ir-"Regolament Finanzjarju") u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, premji, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u r-rimborż ta' esperti esterni, u jipprevedu kontrolli dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati skont l-Artikolu 322 TFUE ***jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.***

---

10 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

***(10) Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tar-riżorsi tal-JTF, jenħtieġ li l-aċċess għall-JTF ikun limitat għal 50 % tal-allokazzjoni nazzjonali għal dawk l-Istati Membri li għadhom ma impenjawx ruħhom li jimplimentaw l-objettiv, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Parigi, li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, filwaqt li l-50 % l-oħra jsiru disponibbli għall-programmazzjoni mal-aċċettazzjoni ta' tali impenn. Sabiex jiġu żgurati l-ekwità u t-trattament ugwali tal-Istati Membri, fejn Stat Membru ma jkunx impenja ruħu li jimplimenta l-objettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, sal-31 ta' Diċembru fi kwalunkwe sena li tibda mill-2022, jenħtieġ li l-impenn baġitarju għas-sena preċedenti jiġi diżimpenjat fl-intier tiegħu s-sena ta' wara.***

(11) F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094[11] u fil-limiti tar-riżorsi allokati fih, il-miżuri għall-irkupru u r-reżiljenza taħt il-JTF jenħtieġ li jittieħdu biex jindirizzaw l-impatt bla preċedent tal-kriżi tal-COVID-19. Dawn ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jintużaw b'mod li jiżguraw konformità mal-limiti ta' żmien previsti f'dak ir-Regolament.

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

(12) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidentifika t-tipi ta' investimenti li għalihom ikun permess l-appoġġ għan-nefqa mill-JTF. Jenħtieġ li l-attivitajiet kollha li jirċievu sostenn ikollhom segwitu b'rispett sħiħ tal-***impenji u*** l-prijoritajiet klimatiċi*,* ambjentali ***u soċjali*** tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-lista ta' investimenti tinkludi dawk li jappoġġjaw l-ekonomiji lokali ***billi jistimulaw il-potenzjal ta' tkabbir endoġenu tagħhom f'konformità mal-istrateġiji rispettivi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, inkluż it-turiżmu sostenibbli fejn xieraq. L-investimenti jeħtieġ li jkunu*** sostenibbli fit-tul, filwaqt li jitqiesu l-objettivi kollha tal-Patt Ekoloġiku ***Ewropew***. Jenħtieġ li l-proġetti ffinanzjati jikkontribwixxu għal tranżizzjoni lejn ekonomija ***sostenibbli,*** newtrali għall-klima u ċirkolari***, inkluż miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-effiċjenza fir-riżorsi Jenħtieġ li l-inċinerazzjoni tal-iskart ma tirċevix appoġġ minħabba li din l-attività tappartjeni għall-parti inferjuri tal-ġerarkija tal-iskart fl-ekonomija ċirkolari. Jenħtieġ li s-servizzi ta' konsulenza li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' miżuri appoġġati mill-JTF ikunu eliġibbli. Ir-rinaturazzjoni tas-siti, l-iżvilupp tal-infrastruttura ekoloġika u l-ġestjoni tal-ilma jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu appoġġati bħala parti minn proġett ta' restawr tal-art.***
***Meta jappoġġja miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, il-JTF jenħtieġ li jkun jista' jappoġġja investimenti bħal dawk li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku, prinċipalment permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-akkomodazzjoni. Il-JTF jenħtieġ li jkun jista' jappoġġja wkoll l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' ħżin innovattivi.***

(13) Biex jiġu protetti ċ-ċittadini li huma l-aktar vulnerabbli għat-tranżizzjoni klimatika, jenħtieġ li l-JTF ikopri wkoll it-titjib tal-ħiliet u l-ksib ta' ħiliet ġodda***, inkluż it-taħriġ,*** tal-ħaddiema milquta, ***irrispettivament jekk għadhomx impjegati jew jekk ikunux tilfu l-impjieg tagħhom minħabba t-tranżizzjoni. Jenħtieġ li l-JTF ikollu l-għan li jgħinhom*** jadattaw għal opportunitajiet ġodda ta' impjieg***. Jenħtieġ li l-JTF jipprovdi wkoll kwalunkwe forma xierqa ta' appoġġ lil dawk li qed ifittxu impjieg, inkluż*** assistenza fit-tiftix ta' ***impjieg*** u l-inklużjoni attiva tagħhom fis-suq tax-xogħol. ***Dawk kollha li jfittxu impjieg wara li tilfu l-impjieg tagħhom f'setturi milquta mit-tranżizzjoni f'reġjun kopert mill-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu appoġġati mill-JTF anki jekk il-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja ma jkunux residenti f'dak ir-reġjun. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa liċ-ċittadini f'riskju ta' faqar enerġetiku, b'mod partikolari meta jiġu implimentati miżuri ta' effiċjenza enerġetika għal kondizzjonijiet ta' akkomodazzjoni soċjali mtejba.***

*(14) Jenħtieġ li jkun permess appoġġ għall-attivitajiet fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll l-appoġġ għall-infrastruttura soċjali għall-finijiet tal-faċilitajiet tal-kura tat-tfal u tal-anzjani u fiċ-ċentri ta' taħriġ, dment li dawn l-attivitajiet ikunu ġustifikati b'mod xieraq fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta. Għall-kura tal-anzjani, il-prinċipju tal-promozzjoni tal-kura bbażata fil-komunità jenħtieġ jiġi ppreservat. Is-servizzi soċjali u pubbliċi f'dawk l-oqsma jistgħu jikkompletaw it-taħlita ta' investiment. L-appoġġ kollu f'dawk l-oqsma jeħtieġ li jirrikjedi ġustifikazzjoni xierqa fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta u jenħtieġ li jsegwi l-objettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.*

*(15) Biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni speċifika u r-rwol tan-nisa fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, jenħtieġ li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-intraprenditorija, kif ukoll paga ugwali, għandhom rwol importanti biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs. Jenħtieġ li l-JTF jagħti wkoll attenzjoni speċjali lill-gruppi vulnerabbli li jbatu b'mod sproporzjonat mill-effetti negattivi tat-tranżizzjoni, bħal ħaddiema b'diżabilità. L-identità tal-komunitajiet tal-minjieri jeħtieġ li tiġi ppreservata u l-kontinwità tal-komunitajiet tal-passat u tal-futur jeħtieġ li tiġi salvagwardata. Dan jinvolvi li tingħata attenzjoni speċjali lill-wirt tal-minjieri tanġibbli u mhux tanġibbli tagħhom, inkluż il-kultura tagħhom.*

(16) Sabiex tissaħħaħ id-diversifikazzjoni ekonomika tat-territorji milquta mit-tranżizzjoni, jenħtieġ li l-JTF jipprovdi ***appoġġ lill-intrapriżi u l-partijiet ekonomiċi ikkonċernati, inkluż permezz ta'*** appoġġ għal investimenti produttivi fl-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[12] (SMEs). Investimenti produttivi jenħtieġ li jkunu jinftiehmu bħala investiment f'kapital fiss jew f'assi immaterjali ta' intrapriżi bil-ħsieb li jiġu prodotti oġġetti u servizzi, u b'hekk jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' kapital gross u għall-impjiegi. Għal intrapriżi li mhumiex SMEs, jenħtieġ li l-investimenti produttivi jiġu appoġġati biss jekk ikunu meħtieġa biex itaffu t-telf ta' impjiegi li jirriżulta mit-tranżizzjoni, billi joħolqu jew jipproteġu għadd sinifikanti ta' impjiegi, u ma jwasslux għal rilokazzjoni jew jirriżultaw minnha. Jenħtieġ li jitħallew isiru investimenti f'faċilitajiet industrijali eżistenti, inklużi dawk koperti mill-Iskema tal-Unjoni għan-Negozjar tal-Emissjonijiet, jekk jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 u jmorru sew taħt il-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] u jekk jirriżultaw fil-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi. Kwalunkwe investiment bħal dan jenħtieġ li jiġi ġġustifikat skont il-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta rilevanti. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern u l-politika ta' koeżjoni, l-appoġġ lill-impriżi jenħtieġ li jkun konformi mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat kif stipulat fl-Artikoli 107 u 108 TFUE u, b'mod partikolari, l-appoġġ għal investimenti produttivi f'intrapriżi għajr l-SMEs jeħtieġ li jkunu limitati għal intrapriżi li jinsabu f'żoni nnominati bħala żoni megħjuna għall-finijiet tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 107(3) TFUE.

---

12 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

13 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

(17) Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tar-riżorsi tal-JTF taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir, jenħtieġ li jkun possibbli li jitħejja programm JTF awtonomu jew li jiġu pprogrammati riżorsi JTF fi prijorità speċifika waħda jew aktar fi programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ jew mill-Fond ta' Koeżjoni. Skont ir-Regolament (UE) .../...+, ir-riżorsi tal-JTF ***jistgħu*** jissaħħu ***fuq bażi volontarja*** b'finanzjament komplementari mill-FEŻR u l-FSE+. F'tali każ, l-ammonti rispettivi ttrasferiti mill-FEŻR u mill-FSE + jenħtieġ li jkunu konsistenti mat-tip ta' operazzjonijiet stipulati fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta.

(18) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-JTF ikun jiddependi fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' proċess ta' tranżizzjoni f'territorju speċifiku sabiex tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri, fi ***djalogu soċjali u*** f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti***, skont id-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE) .../...+ dwar is-sħubija,*** u bl-appoġġ tal-Kummissjoni, iħejju pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, li jistabbilixxu l-proċess ta' tranżizzjoni, b'mod konsistenti mal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi Pjattaforma ta' Tranżizzjoni Ġusta, li tibni fuq il-pjattaforma eżistenti għar-reġjuni karboniferi fi tranżizzjoni, biex tippermetti li jsiru skambji bilaterali u multilaterali dwar l-esperjenza fit-tagħlimiet miksuba u fl-aħjar prattiki fis-setturi kollha milquta. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-muniċipalitajiet u l-bliet ikunu involuti fl-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-JTF u li jitqiesu l-ħtiġijiet tagħhom f'dak il-kuntest.***

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

(19) Jenħtieġ li l-pjanijiet ta' tranżizzjoni jidentifikaw it-territorji l-aktar milquta ħażin, fejn l-appoġġ tal-JTF jenħtieġ li jkun ikkonċentrat, u jiddeskrivu azzjonijiet speċifiċi li jridu jittieħdu biex jintlaħqu l-***miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u*** ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima ***sal-2050,*** b'mod partikolari fir-rigward tal-konverżjoni jew l-għeluq ta' faċilitajiet li jinvolvu l-produzzjoni ta' fjuwils fossili jew attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra. Jenħtieġ li dawk it-territorji jiġu ddefiniti b'mod preċiż u jkunu jikkorrispondu mal-livell 3 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika ("ir-reġjuni tan-NUTS livell 3"), kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] jew ikunu partijiet minnha. Jenħtieġ li l-pjanijiet jistabbilixxu l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' dawk it-territorji***, filwaqt li jqisu r-riskji ta' depopolazzjoni,*** u jidentifikaw it-tip ta' operazzjonijiet meħtieġa ***sabiex jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi fil-livell tal-benefiċjarji tal-pjan u*** b'mod li jiġi żgurat l-iżvilupp koerenti ta' attivitajiet ekonomiċi reżiljenti għat-tibdil fil-klima li jkunu wkoll konsistenti mat-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. ***Fejn jiġu identifikati territorji bħal dawn, jenħtieġ li tingħata attenzjoni addizzjonali lill-ispeċifiċitajiet tal-gżejjer, iż-żoni insulari kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi, fejn il-karatteristiċi ġeografiċi u soċjoekonomiċi jistgħu jirrikjedu approċċ differenti biex jappoġġjaw il-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.*** Huma biss l-investimenti skont il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta li jenħtieġ jirċievu appoġġ finanzjarju mill-JTF. Jenħtieġ li l-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta jkunu parti mill-programmi, appoġġati, skont il-każ, mill-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni jew il-JTF li huma approvati mill-Kummissjoni.

14 Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

(20) Sabiex tissaħħaħ l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tal-użu tar-riżorsi tal-JTF, jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, tkun tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fil-każ ta' insuffiċjenza serja tal-miri stabbiliti għall-objettiv speċifiku tal-JTF.

(21) Sabiex jiġi stabbilit qafas finanzjarju xieraq għall-JTF, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistipula t-tqassim annwali tar-riżorsi disponibbli skont l-Istat Membru.

(22) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu appoġġati ***n-nies, l-ekonomija u l-ambjent tat-***territorji li jkunu qed jiffaċċjaw trasformazzjoni ekonomika u soċjali fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija newtrali għall-klima, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-disparitajiet fil-livelli ta' żvilupp tat-territorji differenti u r-ritard ta' dawk it-territorji li huma anqas favoriti, kif ukoll il-limitu fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri u tat-territorji, iżda jista' pjuttost, minħabba l-ħtieġa għal qafas ta' implimentazzjoni koerenti li jkopri diversi fondi tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(23) Fid-dawl tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament wara l-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, u filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi implimentant il-JTF b'mod koordinat u armonizzat, u sabiex ikun jista' jiġi implimentat fil-pront, jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) biex jipprovdi appoġġ ***lin-nies, l-ekonomiji u l-ambjent tat-***territorji li jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn ***il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima kif definiti fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[15] ***u*** ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050.

Huwa jistabbilixxi l-objettiv speċifiku tal-JTF, il-kopertura ġeografika u r-riżorsi tiegħu, il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tiegħu fir-rigward tal-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) .../...[+], kif ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ipprogrammar u l-indikaturi meħtieġa għall-monitoraġġ.

---

15 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

Artikolu 2

Għanijiet speċifiċi

F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) .../...[+], il-JTF għandu jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku uniku li jippermetti lir-reġjuni u lin-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, l-***impjiegi***, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ***il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u*** ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima ***sal-2050, abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi***.

Artikolu 3

Il-kopertura ġeografika u r-riżorsi skont il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir

1. Il-JTF għandu jappoġġja l-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fl-Istati Membri kollha.

2. Ir-riżorsi għall-JTF taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li huma disponibbli għall-impenn baġitarju għall-perijodu 2021-2027 għandhom ikunu EUR ***7 500 000 000*** fi prezzijiet tal-***2018 kif stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament (UE) .../...[+]***.

***3.*** ***Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2*** jistgħu jiżdiedu, skont il-każ, b'riżorsi addizzjonali allokati fil-baġit tal-Unjoni, u b'riżorsi oħra skont l-att bażiku applikabbli.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistipula t-tqassim annwali tar-riżorsi disponibbli, inkluż kwalunkwe riżors addizzjonali msemmi fil-paragrafu 3, skont l-Istat Membru f'konformità mal-***allokazzjonijiet*** stabbiliti fl-Anness I.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

Artikolu 4

Riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu ***1(2)*** tar-Regolament (UE) 2020/2094 għandhom jiġu implimentati skont ***dan ir-Regolament*** b'ammont ta' ***EUR 10 000 000 000*** fi prezzijiet tal-***2018 kif*** imsemmi ***fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 109(1) tar-Regolament (UE) .../...***[+] ***u*** soġġett għall-Artikolu3(3), ***(4), (7) u (9) tar-Regolament (UE) 2020/2094.***

Dan l-ammont għandu jitqies bħala riżorsi oħra kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament. ***Kif previst fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094, dan l-ammont*** għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern ***għall-fini tal-***Artikolu 21(5) ***tar-Regolament Finanzjarju***.

2. ***L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu*** għandu jsir disponibbli għal impenn baġitarju taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir għas-snin 2021 sa ***2023***, flimkien mar-riżorsi ***stabbiliti*** fl-Artikolu 3, kif ġej:

– ***2021: EUR 2 000 000 000;***

– ***2022: EUR 4 000 000 000;***

– ***2023: EUR 4 000 000 000.***

Ammont ta' EUR 15 600 000 fi prezzijiet tal-***2018*** għandu jkun disponibbli għan-nefqa amministrattiva mir-riżorsi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

*3.* It-tqassim annwali tal-ammont imsemmi fl-***ewwel subparagrafu tal-***paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu mill-Istati Membri għandu jiġi inkluż fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 3(4) skont ***l-allokazzjonijiet*** stipulati fl-Anness I.

*4.* Permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(3) tar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli tad-diżimpenn stipulati fil-Kapitolu IV tat-Titolu VII tar-Regolament (UE) .../...[+] għandhom japplikaw għall-impenji baġitarji li huma bbażati fuq ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Permezz ta' deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju dawn ir-riżorsi ma għandhomx jintużaw għal programm jew azzjoni suċċessiva.

***5.*** ***Il-pagamenti għall-programmi għandhom jiġu assenjati lill-impenn miftuħ l-aktar bikri tal-JTF, billi l-ewwel jibdew bl-impenji mir-riżorsi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 sakemm dawn jiġu eżawriti.***

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

### *Artikolu 5*

### *Mekkaniżmu ta' Kumpens Ekoloġiku*

*1. Fejn, skont l-Artikolu 3(3), ir-riżorsi għall-JTF jiżdiedu qabel il-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżorsi addizzjonali għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri abbażi tal-ishma nazzjonali stabbiliti fl-Anness I.*

*2. Fejn, skont l-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament, ir-riżorsi għall-JTF jiżdiedu wara l-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżorsi addizzjonali għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, abbażi tat-tibdil fl-emissjonijiet ta' gass serra tal-faċilitajiet industrijali tagħhom fil-perijodu mis-sena 2018 sal-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data, kif irrappurtata skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16]. Il-bidla fl-emissjonijiet ta' gass serra ta' kull Stat Membru għandha tiġi kkalkulata billi jiġu aggregati l-emissjonijiet ta' gass serra ta' dawk ir-reġjuni tan-NUTS livell 3 biss li jkunu ġew identifikati fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta skont l-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament.*

[16] Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

***L-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali għal kull Stat Membru għandha tiġi determinata skont dan li ġej:***

***(a)*** ***għall-Istati Membri li kisbu tnaqqis fil-missjonijiet tal-gass serra , it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra miksub minn kull Stat Membru għandu jiġi kkalkulat billi l-livell tal-emissjonijiet ta' gass serra tal-aħħar sena ta' referenza jiġi espress bħala perċentwal tal-emissjonijiet ta' gass serra osservati fl-2018; għall-Istati Membri li ma jkunux kisbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra , dak il-perċentwal għandu jiġi stabbilit għal 100 %;***

***(b)*** ***is-sehem finali għal kull Stat Membru għandu jinkiseb billi l-ishma nazzjonali stabbiliti fl-Anness I jiġu diviżi bil-perċentwali li jirriżultaw mill-punt (a); u***

***(c)*** ***ir-riżultat mill-kalkolu taħt il-punt (b) għandu jiġi riklassifikat sabiex jammonta għal 100 %.***

3. ***L-Istati Membri għandhom jinkludu r-riżorsi addizzjonali fil-programmi tagħhom u jissottomettu emenda tal-programm skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE)…/…***[+] ***.***

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

*Artikolu 6*

*Allokazzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer*

***Meta jħejju l-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta tagħhom skont l-Artikolu 11(1), l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi li jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom kif rikonoxxut fl-Artikoli 174 u 349 TFUE.***

***Meta jinkludu tali territorji fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont speċifiku allokat għal dawk it-territorji bil-ġustifikazzjoni korrispondenti, filwaqt li jqisu l-isfidi speċifiċi ta' dawk it-territorji.***

*Artikolu 7*

*Aċċess kondizzjonali għar-riżorsi*

***1. Fejn Stat Membru ma jkunx ħa impenn li jimplimenta l-objettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, 50 % biss tal-allokazzjonijiet annwali għal dak l-Istat Membru stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 3(4) u 4(3) għandhom ikunu disponibbli għall-programmazzjoni u inklużi fil-prijoritajiet.***

*B'deroga mill-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament, il-50 % li jifdal tal-allokazzjonijiet annwali ma għandhomx jiġu inklużi fil-prijoritajiet. F'każijiet bħal dawn, il-programmi appoġġati mill-JTF u ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) …/…[+]għandhom jinkludu biss 50 % tal-allokazzjonijiet annwali tal-JTF fit-tabella msemmija fil-punt (g)(ii) tal-Artikolu 22(3) ta' dak ir-Regolament . It-tabella msemmija fil-punt (g)(i) tal-Artikolu 22(3) ta' dak ir-Regolament għandha tidentifika separatament l-allokazzjonijiet disponibbli għall-ipprogrammar u dawk l-allokazzjonijiet li ma għandhomx jiġu pprogrammati.*

*2. Il-Kummissjoni għandha tapprova biss programmi li fihom prijorità tal-JTF, jew kwalunkwe emenda għalih, fejn jiġu rispettati r-rekwiżiti stabbiliti fil-parti tal-allokazzjoni pprogrammata skont il-paragrafu 1.*

*3. Hekk kif Stat Membru jkun impenja ruħu li jimplimenta l-objettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, huwa jista' jippreżenta talba għall-emendar ta' kull programm appoġġat mill-JTF f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) .../...[+]u jinkludi l-allokazzjonijiet mhux ipprogrammati li ma ġewx diżimpenjati*

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

4. ***L-impenji baġitarji għandhom isiru abbażi tat-tabella msemmija fil-punt (g)(i) tal-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) …/…[+]. L-impenji relatati mal-allokazzjonijiet mhux ipprogrammati ma għandhomx jintużaw għall-pagamenti u ma għandhomx jiġu inklużi fil-bażi għall-kalkolu tal-prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 90 ta' dak ir-Regolament sakemm isiru disponibbli għall-programmazzjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.***

***B'deroga mill-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) …/…[+], fin-nuqqas tal-impenn tal-Istat Membru li jimplimenta l-objettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 sal-31 ta' Diċembru ta' kwalunkwe sena partikolari li tibda mill-2022, l-impenji baġitarji għas-sena preċedenti li huma relatati ma' allokazzjonijiet mhux ipprogrammati għandhom jiġu diżimpenjati fl-intier tagħhom fis-sena ta' wara.***

Artikolu 8

Ambitu tal-appoġġ

1. Il-JTF għandu jappoġġja biss attivitajiet li huma direttament marbuta mal-objettiv speċifiku tiegħu kif stipulat fl-Artikolu 2 u li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta stabbiliti skont l-Artikolu 11.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

2. F'konformità mal-paragrafu 1, il-JTF għandu jappoġġja esklużivament l-attivitajiet li ġejjin:

(a) investimenti produttivi fl-SMEs, inkluż ***mikrointrapriżi u*** negozji ġodda, li jwasslu għal diversifikazzjoni, ***modernizzazzjoni*** u rikonverżjoni ekonomiċi;

(b) investimenti fil-ħolqien ta' ditti ġodda, inkluż permezz ta' inkubaturi tan-negozju u servizzi ta' konsulenza***, li jwasslu għall-ħolqien ta' impjiegi***;

(c) investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni***, inkluż mill-universitajiet u organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika,*** u t-trawwim ta' trasferiment ta' teknoloġiji avvanzati;

(d) investimenti fl-użu tat-teknoloġija ***kif ukoll f'sistemi*** u infrastrutturi għal enerġija nadifa affordabbli, ***inkluż teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija, u*** fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ▌;

***(e) investimenti fl-enerġija rinnovabbli skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], inkluż il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fiha, u fl-effiċjenza enerġetika, inkluż għall-finijiet tat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku;***

***(f) investimenti f'mobbiltà lokali intelliġenti u sostenibbli, inkluż id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport lokali u l-infrastruttura tiegħu;***

[17] Id-***Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).***

***(g)*** ***ir-riabilitazzjoni u l-aġġornament tan-networks tat-tisħin distrettwali bil-ħsieb li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tisħin distrettwali u l-investimenti fil-produzzjoni tas-sħana sakemm l-installazzjonijiet tal-produzzjoni tas-sħana jkunu fornuti esklużivament minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli;***

(h) investimenti fid-diġitalizzazzjoni, l-***innovazzjoni diġitali*** u l-konnettività diġitali;

(i) investimenti fir-riġenerazzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' siti ***abbandunati***, restawr tal-art u ***inkluż, fejn meħtieġ, infrastruttura ekoloġika u*** proġetti bi skop ġdid***, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"***;

(j) investimenti fit-titjib tal-ekonomija ċirkolari, inkluż permezz tal-prevenzjoni, it-tnaqqis, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart;

(k) it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema ***u persuni li qed ifittxu impjieg***;

(l) għajnuna fit-tiftix għal min ikun qed ifittex impjieg;

(m) l-inklużjoni attiva ta' min ikun qed ifittxu impjieg;

(n) assistenza teknika***;***

***(o)*** ***attivitajiet oħra fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali inkluż, fejn debitament ġustifikat, investimenti f'infrastruttura għall-finijiet ta' ċentri ta' taħriġ, faċilitajiet ta' kura tat-tfal u tal-anzjani kif indikat fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta skont l-Artikolu 11.***

Barra minn hekk, il-JTF jista' jappoġġja, f'żoni magħżula bħala żoni megħjuna għall-finijiet tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 107(3) TFUE, investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs, sakemm dawn l-investimenti jkunu ġew approvati bħala parti mill-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta bbażat fuq l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (h) tal-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament. Tali investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta***, fejn jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 u għall-kisba tal-miri ambjentali relatati, fejn l-appoġġ tagħhom ikun meħtieġ għall-ħolqien tal-impjiegi fit-territorju identifikat, u meta ma jwasslux għal rilokazzjoni kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) …/…***+.

Il-JTF jista' jappoġġja investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE dment li dawn l-investimenti jkunu ġew approvati bħala parti mill-pjan ta' tranżizzjoni territorjali bbażat fuq l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (i) tal-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament. Dawn l-investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

Artikolu 9

L-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ

Il-JTF ma għandux jgħin:

(a) id-dekummissjonar jew il-kostruzzjoni tal-impjanti tal-enerġija nukleari;

(b) il-manifattura, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' tabakk u prodotti tat-tabakk;

(c) impriża f'diffikultà, kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014[18]***, sakemm ma tkunx awtorizzata taħt regoli temporanji dwar l-għajnuna mill-Istat stabbiliti biex jindirizzaw ċirkostanzi eċċezzjonali jew taħt għajnuna de minimis b'appoġġ għal investimenti li jnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija fil-kuntest tal-proċess ta' tranżizzjoni tal-enerġija;***

(d) investiment relatat mal-produzzjoni, l-ipproċessar, it-***trasport,*** id-distribuzzjoni, il-ħżin jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili.

[18] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

Artikolu 10

Il-programmazzjoni tar-riżorsi tal-JTF

1. Ir-riżorsi tal-JTF għandhom jiġu pprogrammati għall-kategoriji tar-reġjuni fejn jinsabu t-territorji kkonċernati, fuq il-bażi ta' ▌ pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta stabbiliti skont l-Artikolu 11 u approvati mill-Kummissjoni bħala parti minn programm jew emenda ta' programm. Ir-riżorsi pprogrammati għandhom jieħdu l-forma ta' programm speċifiku wieħed jew aktar jew ta' prijorità waħda jew aktar fil-kuntest ta' programmi.

Il-Kummissjoni għandha tapprova programm biss, ***jew kwalunkwe emenda oħra għalih,*** fejn l-identifikazzjoni tat-territorji l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni, inklużi fil-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta rilevanti, tkun debitament iġġustifikata u l-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta rilevanti jkun konsistenti mal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima tal-Istat Membru kkonċernat.

2. ▌Prijorità jew prijoritajiet tal-JTF għandhom jinkludu r-riżorsi tal-JTF li jikkonsistu mill-allokazzjoni sħiħa jew parzjali tal-JTF għall-Istati Membri u r-riżorsi trasferiti skont l-Artikolu ▌27▌ tar-Regolament (UE) .../...[+]. It-total tar-riżorsi tal-FEŻR u l-FSE+ ittrasferit lill-JTF ***ma għandux jaqbeż tliet*** darbiet l-ammont ta' appoġġ mill-JTF għal dik il-prijorità bl-esklużjoni tar-riżorsi msemmija fl-Artikolu ***4(1) ta' dan ir-Regolament.***

***3. F'konformità mal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) .../...[+], ir-rata ta' kofinanzjament, applikabbli għar-reġjun fejn jinsabu t-territorju jew it-territorji identifikati fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, għall-prijorità jew prijoritajiet tal-JTF ma għandhiex tkun ogħla minn:***

***(a) 85 % għal reġjuni anqas żviluppati;***

***(b) 70 % għal reġjuni fi tranżizzjoni;***

***(c) 50 % għal reġjuni aktar żviluppati.***

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

Artikolu 11

Il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta

1. L-Istati Membri għanhom iħejju, flimkien mal-awtoritajiet ***lokali u reġjonali*** rilevanti tat-territorji kkonċernati, pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta wieħed jew aktar li jkopru territorju wieħed effettwat jew aktar li jikkorrispondu għar-reġjuni tan-NUTS livell 3, jew partijiet minnu, f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness II. Dawk it-territorji għandhom ikunu dawk l-aktar milquta ħażin, fuq il-bażi tal-impatti ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mit-tranżizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-***adattament tal-ħaddiema jew*** tat-telf mistenni ta' impjiegi fil-produzzjoni u l-użu tal-fjuwil fossili u l-ħtiġijiet ta' trasformazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni ta' faċilitajiet industrijali bl-ogħla intensità ta' gassijiet serra.

2. Pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni fil-livell nazzjonali lejn ekonomija newtrali għall-klima, inkluż skeda ta' żmien tal-passi ta' tranżizzjoni ewlenin ***lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050*** li huma konsistenti mal-aħħar verżjoni tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima;

(b) ġustifikazzjoni għall-identifikazzjoni tat-territorji bħala l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu u li għandhom jiġu appoġġati mill-JTF, skont il-paragrafu 1;

(c) valutazzjoni tal-isfidi ta' tranżizzjoni ffaċċjati mit-territorji ***identifikati*** milquta l-aktar ħażin, inkluż l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, li tidentifika l-għadd potenzjali ta' impjiegi milquta u t-telf ta' impjiegi, ***ir-riskji ta' depopolazzjoni***, u l-ħtiġijiet u l-objettivi ta' żvilupp, li jridu jinkisbu sal-2030 u marbuta mat-trasformazzjoni jew l-għeluq ta' attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra f'dawk it-territorji;

(d) deskrizzjoni tal-kontribut mistenni tal-appoġġ tal-JTF biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali, ***demografiċi,*** ekonomiċi***, tas-saħħa*** u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima ***sal-2050, inkluż il-kontribut mistenni f'termini ta' ħolqien u preservazzjoni tal-impjiegi***;

(e) valutazzjoni tal-konsistenza tiegħu ma' strateġiji u pjanijiet ***rilevanti*** nazzjonali, reġjonali jew territorjali oħra;

(f) deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' governanza li jikkonsistu fl-arranġamenti ta' sħubija, il-miżuri ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni ppjanati u l-korpi responsabbli;

(g) deskrizzjoni tat-tip ta' operazzjonijiet previsti u l-kontribut mistenni tagħhom biex jittaffa l-impatt tat-tranżizzjoni;

(h) fejn għandu jingħata appoġġ lil investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs, lista ***indikattiva*** tal-operazzjonijiet u l-intrapriżi li għandhom jiġu appoġġati u ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali appoġġ permezz ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investiment;

(i) fejn għandu jingħata appoġġ lill-investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, lista ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati u ġustifikazzjoni li dawn jikkontribwixxu għal tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jmorru ħafna taħt il-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE u sakemm dawn l-operazzjonijiet ikunu meħtieġa għall-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi;

(j) sinerġiji u komplementarjetajiet ma' programmi ***rilevanti*** oħra tal-Unjoni ***biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' żvilupp identifikati; u***

*(k)* ***sinerġiji u komplementarjetajiet mal-appoġġ ippjanat mill-pilastri l-oħra*** tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.

3. It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta għandhom jinvolvu lill-imsieħba rilevanti f'konformità mal-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) …/…[+] ***u, fejn rilevanti, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment***.

4. Il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta għandhom ikunu konsistenti mal-istrateġiji territorjali ***rilevanti*** msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) …/…[+] ***u*** mal-istrateġiji tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti rilevanti, l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Meta l-aġġornament ta' pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 ikun jirrikjedi reviżjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta, dik ir-reviżjoni għandha titwettaq bħala parti mir-rieżami ta' terminu medju f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) …/…[+].

***5. Meta l-Istati Membri jkollhom l-intenzjoni li jagħmlu użu mill-possibbiltà li jirċievu appoġġ taħt il-pilastri l-oħra tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta tagħhom għandhom jistabbilixxu s-setturi u l-oqsma tematiċi previsti li għandhom jiġu appoġġati taħt dawk il-pilastri.***

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

Artikolu 12

Indikaturi

1. Indikaturi komuni tal-output u tar-riżultat, kif stipulat fl-Anness III u, fejn debitament ġustifikat fil-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta, l-indikaturi tal-output u tar-riżultat speċifiċi għal programm għandhom jintużaw skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1), il-punt (d)(ii) tal-Artikolu 22(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE).../...[+].

2. Għall-indikaturi tal-output, il-linji bażi għandhom ikunu stabbiliti għal żero. It-tragwardi stabbiliti għall-2024 u l-miri stabbiliti għall-2029 għandhom ikunu kumulattivi. Il-miri ma għandhomx jiġu riveduti wara li t-talba għal emenda tal-programm, ippreżentata skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) …/…[+], tkun ġiet approvata mill-Kummissjoni.

3. Fejn prijorità JTF tappoġġa l-attivitajiet imsemmija fil-punti (k), (l) jew (m) tal-Artikolu 8(2), id-data tal-indikaturi għall-parteċipanti għandha tiġi trażmessa biss meta tkun disponibbli d-data kollha dwar dak il-parteċipant, meħtieġa f'konformità mal-Anness III.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

Artikolu 13

Korrezzjonijiet finanzjarji

***Abbażi*** tal-eżami tar-rapport finali dwar il-prestazzjoni tal-programm, ***il-Kummissjoni*** tista' tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji ***skont*** l-Artikolu 104 tar-Regolament (UE) .../...[+] ***fejn jinkisbu inqas minn 65 % tal-mira stabbilita għal indikatur, wieħed jew aktar, tal-output***.

***Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu proporzjonati mal-kisbiet u ma għandhomx jiġu applikati meta n-nuqqas li jintlaħqu l-miri jkun dovut għall-impatt ta' fatturi soċjoekonomiċi jew ambjentali, bidliet sinifikanti fil-kondizzjonijiet ekonomiċi jew ambjentali fl-Istat Membru kkonċernat jew minħabba raġunijiet ta' force majeure li jaffettwaw serjament l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ikkonċernati.***

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

***Artikolu 14***

***Rieżami***

***Sat-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni tal-JTF fir-rigward tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 2, filwaqt li tqis il-bidliet possibbli fir-Regolament (UE) 2020/852 u, l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti f'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ('Liġi Ewropea dwar il-Klima') , u l-evoluzzjoni fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jista' jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi.***

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* — *Għall-Kunsill*

*Il-President* — *Il-President*

## *ANNESS I*

## ▌*ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI*

| | *Allokazzjonijiet mill-Istrument għall-Irkupru tal-Unjoni Ewropea* | *Allokazzjonijiet mir-riżorsi tal-QFP* | *Allokazzjonijiet totali* | *Sehem l-Istati Membri mit-total* |
|---|---|---|---|---|
| ***Il-Belġju*** | ***95*** | ***71*** | ***166*** | ***0,95 %*** |
| ***Il-Bulgarija*** | ***673*** | ***505*** | ***1178*** | ***6,73 %*** |
| ***Iċ-Ċekja*** | ***853*** | ***640*** | ***1493*** | ***8,53 %*** |
| ***Id-Danimarka*** | ***46*** | ***35*** | ***81*** | ***0,46 %*** |
| ***Il-Ġermanja*** | ***1288*** | ***966*** | ***2254*** | ***12,88 %*** |
| ***L-Estonja*** | ***184*** | ***138*** | ***322*** | ***1,84 %*** |
| ***L-Irlanda*** | ***44*** | ***33*** | ***77*** | ***0,44 %*** |
| ***Il-Greċja*** | ***431*** | ***324*** | ***755*** | ***4,31 %*** |
| ***Spanja*** | ***452*** | ***339*** | ***790*** | ***4,52 %*** |
| ***Franza*** | ***535*** | ***402*** | ***937*** | ***5,35 %*** |
| ***Il-Kroazja*** | ***97*** | ***72*** | ***169*** | ***0,97 %*** |
| ***L-Italja*** | ***535*** | ***401*** | ***937*** | ***5,35 %*** |
| ***Ċipru*** | ***53*** | ***39*** | ***92*** | ***0,53 %*** |
| ***Il-Latvja*** | ***100*** | ***75*** | ***174*** | ***1,00 %*** |
| ***Il-Litwanja*** | ***142*** | ***107*** | ***249*** | ***1,42 %*** |
| ***Il-Lussemburgu*** | ***5*** | ***4*** | ***8*** | ***0,05 %*** |
| ***L-Ungerija*** | ***136*** | ***102*** | ***237*** | ***1,36 %*** |
| ***Malta*** | ***12*** | ***9*** | ***21*** | ***0,12 %*** |
| ***Netherlands*** | ***324*** | ***243*** | ***567*** | ***3,24 %*** |
| ***L-Awstrija*** | ***71*** | ***53*** | ***124*** | ***0,71 %*** |
| ***Il-Polonja*** | ***2000*** | ***1500*** | ***3500*** | ***20,00 %*** |
| ***Il-Portugall*** | ***116*** | ***87*** | ***204*** | ***1,16 %*** |
| ***Ir-Rumanija*** | ***1112*** | ***834*** | ***1947*** | ***11,12 %*** |
| ***Is-Slovenja*** | ***134*** | ***101*** | ***235*** | ***1,34 %*** |
| ***Is-Slovakkja*** | ***239*** | ***179*** | ***418*** | ***2,39 %*** |
| ***Il-Finlandja*** | ***242*** | ***182*** | ***424*** | ***2,42 %*** |
| ***L-Iżvezja*** | ***81*** | ***61*** | ***142*** | ***0,81 %*** |
| ***L-UE 27*** | ***10 000*** | ***7 500*** | ***17 500*** | ***100,00 %*** |

***Allokazzjonijiet f'miljuni ta' EUR, fi prezzijiet tal-2018 u qabel tnaqqis għal assistenza teknika u nefqa amministrattiva (it-totali jistgħu ma jaqblux minħabba arrotondamenti 'l fuq jew 'l isfel)***

ANNESS II

MUDELL GĦALL-PJANIJIET TERRITORJALI GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA

1. Ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' tranżizzjoni u l-identifikazzjoni tal-aktar territorji milquta b'mod negattiv fl-Istat Membru

*Il-kaxxa tat-test [12000]*

*Referenza: il-punt (a) tal-Artikolu 11(2)*

*1.1. Deskrizzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni mistenni lejn* ***il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u*** *ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima* [redacted] ***sal-2050,*** *f'konformità mal-objettivi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u pjanijiet oħra ta' tranżizzjoni eżistenti bi skeda ta' żmien għall-waqfien jew it-tnaqqis tal-attivitajiet bħall-estrazzjoni tal-faħam u tal-linjite jew il-produzzjoni tal-elettriku bil-faħam*

*Referenza: il-punt (b) tal-Artikolu 11(2)*

*1.2. L-identifikazzjoni tat-territorji li mistennija jkunu l-aktar milquta b'mod negattiv u ġustifikazzjoni ta' din l-għażla bl-istima korrispondenti tal-impatti ekonomiċi u fuq l-impjiegi abbażi tad-deskrizzjoni tat-Taqsima 1.1*

***Referenza: Artikolu 6***

***1.3. L-identifikazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer bi sfidi speċifiċi fit-territorji elenkati fit-Taqsima 1.1 u l-ammonti speċifiċi allokati għal dawk it-territorji b'ġustifikazzjoni korrispondenti***

2. Valutazzjoni tal-isfidi ta' tranżizzjoni, għal kull wieħed mit-territorji identifikati

2.1. Valutazzjoni tal-impatt ekonomiku, soċjali u territorjali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050

*Referenza: il-punt (c) tal-Artikolu 11(2)*

| |
|---|
| *Il-kaxxa tat-test [12000]* |

| |
|---|
| *L-identifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi u s-setturi industrijali milquta, li tiddistingwi:*<br><br>- *setturi li sejrin lura, li huma mistennija jieqfu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-attivitajiet tagħhom relatati mat-tranżizzjoni, inkluża skeda ta' żmien korrispondenti;*<br><br>- *it-trasformazzjoni tas-setturi, li mistennija jgħaddu minn trasformazzjoni tal-attivitajiet, il-proċessi u l-outputs tagħhom.*<br><br>*Għal kull wieħed miż-żewġ tipi ta' setturi:*<br><br>- *it-telf mistenni ta' impjiegi u l-ħtiġijiet ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid, filwaqt li jitqiesu l-previżjonijiet tal-ħiliet;*<br><br>- *il-potenzjal ta' diversifikazzjoni ekonomika u l-opportunitajiet ta' żvilupp.* |

2.2. Il-ħtiġijiet u l-objettivi tal-iżvilupp sal-2030 bil-ħsieb li tinkiseb ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima ***sal-2050***

*Referenza: il-punt (d) tal-Artikolu 11(2)*

| |
|---|
| *Il-kaxxa tat-test [6000]* |

| |
|---|
| - *Il-ħtiġijiet tal-iżvilupp li jindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni;*<br><br>- *L-objettivi u r-riżultati mistennija permezz tal-implimentazzjoni tal-prijorità tal-JTF****, inkluż il-kontribut mistenni f'termini ta' ħolqien u preservazzjoni tal-impjiegi.*** |

2.3. Il-konsistenza ma' strateġiji u pjanijiet ***rilevanti*** nazzjonali, reġjonali jew territorjali oħra

Referenza: *il-punt (e) tal-*Artikolu 11(2)

| |
|---|
| *Il-kaxxa tat-test [6000]* |

| | |
|---|---|
| - | *Strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;* |
| - | *Strateġiji territorjali msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) .../...+;* |
| - | *Pjanijiet ta' żvilupp reġjonali jew nazzjonali oħra.* |

2.4. Tipi ta' operazzjonijiet previsti

| |
|---|
| *Il-kaxxa tat-test [12000]* |

*Referenza: il-punt (g) tal-Artikolu 11(2)*

| | |
|---|---|
| - | *tip ta' operazzjonijiet previsti u l-kontribut mistenni tagħhom biex jittaffa l-impatt tat-tranżizzjoni* |

*Referenza: il-punt (h) tal-Artikolu 11(2)*

| | |
|---|---|
| *Għandha timtela biss jekk jingħata appoġġ lil investimenti produttivi f'intrapriżi minbarra SMEs:* | |
| - | *lista* **indikattiva** *tal-operazzjonijiet u l-intrapriżi li għandhom jiġi appoġġati u għal kull waħda minnhom ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali sostenn permezz ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investiment* |

***Aġġorna jew imla din it-taqsima permezz tar-reviżjoni tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, skont id-deċiżjoni li jiġi pprovdut tali appoġġ.***

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6674/21 [2018/0196(COD)].

*Referenza: il-punt (i) tal-Artikolu 11(2);*

*Għandha timtela biss jekk jingħata sostenn lil investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE:*

- *lista ▌ ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati u ġustifikazzjoni li dawn jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jmorru ħafna taħt il-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE u sakemm ikunu meħtieġa għall-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi*

***Aġġorna jew imla din it-taqsima permezz tar-reviżjoni tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, skont id-deċiżjoni li jiġi pprovdut tali appoġġ.***

*Referenza: il-punt (j) tal-Artikolu 11(2)*

- *sinerġiji u komplementarjetajiet tal-operazzjonijiet previsti ma' programmi* **rilevanti** *oħra tal-Unjoni taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir (appoġġ għall-proċess ta' tranżizzjoni), strumenti oħra ta' finanzjament (il-Fond tal-Unjoni għall-Modernizzazzjoni tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet)* biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' żvilupp identifikati

***Referenza:*** *il-punt (k) tal-* ***Artikolu 11(2) u l-Artikolu 11(5)***

- ***sinerġiji u komplementarjetajiet mal-appoġġ ippjanat mill-pilastri l-oħra tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta***

- ***setturi u oqsma tematiċi previsti li jiġu appoġġati taħt il-pilastri l-oħra***

3. Mekkaniżmi ta' governanza

*Referenza: il-punt (f) tal-Artikolu 11(2)*

| |
|---|
| *Il-kaxxa tat-test [5000]* |

3.1. Sħubija

| | |
|---|---|
| - | *Arranġamenti għall-involviment ta' sħab fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta;* |
| - | *L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika* |

3.2. Monitoraġġ u evalwazzjoni

| | |
|---|---|
| - | *Miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ppjanati, inklużi indikaturi li jkejlu l-kapaċità tal-pjan li jilħaq l-objettivi tiegħu* |

3.3. Korp/korpi ta' koordinazzjoni u ta' monitoraġġ

| |
|---|
| *Korp jew korpi responsabbli għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan u r-rwol tagħhom* |

4. Indikaturi tal-output jew tar-riżultat speċifiċi għal programm

*Referenza: Artikolu 12(1)*

| |
|---|
| *Għandha timtela biss jekk ikunu previsti indikaturi speċifiċi għal programm:*<br><br>- *ġustifikazzjoni għall-ħtieġa ta' indikaturi tal-output jew tar-riżultat speċifiċi għal programm ibbażati fuq it-tipi ta' operazzjonijiet previsti* |

| Tabella 1. Indikaturi tal-output | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| L-objettiv speċifiku | ID [5] | Indikatur [255] | Unità tal-kejl | Stadju importanti (2024) | Mira (2029) |
| | | | | | |

| Tabella 2. Indikaturi tar-riżultati | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-objettiv speċifiku | ID [5] | Indikatur [255] | Unità tal-kejl | Xenarju bażi jew valur referenzjarju | Sena ta' referenza | Mira (2029) | Sors tad-data [200] | Kummenti [200] |
| | | | | | | | | |

ANNESS III

**INDIKATURI KOMUNI TAL-OUTPUT U INDIKATURI KOMUNI TAR-RIŻULTATI GĦALL-FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA**[1]

| Indikaturi Komuni tal-Output REGIO (RCO) u Indikaturi Komuni tar-Riżultati REGIO (RCR) | |
|---|---|
| **Outputs** | **Riżultati** |
| RCO 01 - Intrapriżi appoġġati (li minnhom mikro, żgħar, medji, kbar)*<br><br>RCO 02 - Intrapriżi appoġġati b'għotjiet<br><br>RCO 03 - Intrapriżi appoġġati minn strumenti finanzjarji<br><br>RCO 04 - Intrapriżi b'appoġġ mhux finanzjarju<br><br>RCO 05 - Intrapriżi ġodda appoġġati<br><br>RCO 07 - Organizzazzjonijiet ta' riċerka li jipparteċipaw fi proġetti konġunti ta' riċerka<br><br>RCO 10 - Intrapriżi li jikkooperaw ma' organizzazzjonijiet ta' riċerka<br><br>RCO 121 – L-impriżi b'appoġġ biex jiksbu t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE | RCR01 - Impjiegi maħluqa f'entitajiet appoġġati<br><br>RCR 102 – Impjiegi ta' riċerka maħluqa f'entitajiet appoġġati<br><br>RCR 02 - Investimenti privati li jikkorrispondu għall-appoġġ pubbliku (li minnhom: għotjiet, strumenti finanzjarji)*<br><br>RCR 03 – Intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li jintroduċu innovazzjoni tal-prodotti jew tal-proċessi<br><br>RCR 04 - SMEs li jintroduċu innovazzjoni fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-organizzazzjoni<br><br>RCR 05 - SMEs li jinnovaw internament<br><br>RCR 06 - Applikazzjonijiet għal privattivi ppreżentati<br><br>RCR 29a – Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE f'intrapriżi appoġġati |

[1] Għal raġunijiet ta' preżentazzjoni, l-indikaturi huma raggruppati biex jipprevedu tqabbil aħjar mal-indikaturi inklużi f'Regolamenti oħra speċifiċi għall-Fond.

| | |
|---|---|
| RCO 13 - Valur ta' servizzi, prodotti u proċessi diġitali żviluppati għall-intrapriżi | RCR 11 - Utenti ta' servizzi, prodotti u proċessi diġitali pubbliċi ġodda u aġġornati<br><br>RCR 12 - Utenti ta' servizzi, prodotti u proċessi diġitali ġodda u aġġornati żviluppati mill-intrapriżi |
| RCO 15 - Kapaċità tal-inkubazzjoni maħluqa | RCR 17 - Intrapriżi ġodda li jibqgħu jeżistu fis-suq<br><br>RCR 18 - SMEs li jużaw servizzi ta' inkubatur wara l-ħolqien tal-inkubatur |
| RCO 101 – SMEs li jinvestu f'ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, għal tranżizzjoni industrijali u imprenditorija | RCR 97 – Apprendistati appoġġati fl-SMEs<br><br>RCR 98 - Persunal tal-SMEs li jlestu taħriġ għall-ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, għal tranżizzjoni industrijali u imprenditorija (skont it-tip ta' ħiliet: teknika, tmexxija, imprenditorija, ekoloġika, oħrajn)* |
| RCO 18 - Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija<br><br>RCO 19 - Bini pubbliku bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija<br><br>RCO 20 - Linji tan-network għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali mibnija ġodda jew imtejba<br><br>RCO 104 – Għadd ta' unitajiet ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja | RCR 26 - Konsum tal-enerġija primarja annwali (li minnu: abitazzjonijiet, binjiet pubbliċi, intrapriżi, oħrajn)*<br><br>RCR 29 - Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati |
| RCO 22 - Kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli (li minnha: elettrika, termali)* | RCR 31 - Enerġija rinnovabbli totali prodotta (li minnha: elettrika, termali)*<br><br>RCR 32 – Kapaċità operattiva addizzjonali installata għall-enerġija rinnovabbli |

| | |
|---|---|
| RCO 34 - Kapaċità addizzjonali għar-riċiklaġġ tal-iskart<br><br>RCO 107 - Investimenti f'faċilitajiet għal ġbir ta' skart separat<br><br>RCO 119 - Skart imħejji għall-użu mill-ġdid | RCR 47 - Skart riċiklat<br><br>RCR 48 - Skart użat bħala materja prima |
| RCO 36 - Infrastruttura ekoloġika appoġġata għal skopijiet oħra minbarra l-adattament għat-tibdil fil-klima<br><br>RCO 38 - Superfiċje ta' art riabilitata appoġġata<br><br>RCO 39 - Żona koperta minn sistemi ta' monitoraġġ tat-tniġġis tal-arja installati | RCR 50 - Għadd totali ta' persuni li jibbenefikaw minn miżuri għall-kwalità tal-arja**<br><br>RCR 52 - Art riabilitata użata għal żoni ekoloġiċi, akkomodazzjoni soċjali, użi ekonomiċi jew oħrajn |

| | |
|---|---|
| RCO 55 - Tul tal-linji tat-tram u tal-metro ġodda<br><br>RCO 56 - Tul tal-linji tat-tram u tal-metro mibnija mill-ġdid jew modernizzati<br>RCO 57 – Kapaċità ta' vetturi ferrovjarji li jirrispettaw l-ambjent għat-trasport kollettiv pubbliku<br>RCO 58 - Infrastruttura ddedikata għaċ-ċikliżmu appoġġata<br>RCO 60 - Bliet kbar u żgħar b'sistemi ġodda jew modernizzati tat-trasport urban diġitalizzat | RCR 62 - Għadd ta' utenti annwali ta' trasport pubbliku ġdid jew modernizzat<br>RCR 63 - Għadd ta' utenti annwali ta' linji tat-tram u tal-metro ġodda jew modernizzati<br>RCR 64 - Għadd ta' utenti annwali ta' infrastruttura ddedikata għar-roti |

| | |
|---|---|
| RCO 61 – Superfiċje ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati għas-servizzi tal-impjieg | RCR 65 Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati għas-servizzi tal-impjieg |
| RCO 66 - Kapaċità fil-klassijiet ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati ta' kura tat-tfal<br><br>RCO 67 - Kapaċità fil-klassijiet ta' faċilitajiet edukattivi ġodda jew modernizzati | RCR 70 - Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati tal-indukrar tat-tfal<br><br>RCR 71 - Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet edukattivi ġodda jew modernizzati |
| RCO 113 - Popolazzjoni koperta minn proġetti fil-qafas ta' azzjonijiet integrati għall-inklużjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, familji bi dħul baxx u gruppi żvantaġġati** | |

| | |
|---|---|
| RCO 69 - Kapaċità tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati<br><br>RCO 70 - Kapaċità tal-faċilitajiet tal-kura soċjali ġodda jew modernizzati (minbarra l-akkomodazzjoni) | RCR 72 - Għadd ta' utenti annwali tas-servizzi elettroniċi tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati<br><br>RCR 73 - Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati<br>RCR 74 - Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet tal-kura soċjali ġodda jew modernizzati |

| **Indikaturi Komuni tal-Output Immedjat (EECO) u Indikaturi Komuni tar-Riżultati Immedjati (EECR) għall-parteċipanti[2] [3]** | |
|---|---|
| **Outputs** | **Riżultati** |
| EECO 01- persuni qiegħda, inkluż dawk qiegħda fit-tul**<br><br>EECO 02 - persuni qiegħda fit-tul **<br><br>EECO 03 – persuni inattivi **<br><br>EECO 04 - impjegati, inkluż dawk b'impjieg indipendenti **<br><br>EECO 05 – għadd ta' tfal taħt it-18-il sena **<br><br>EECO 06 - għadd ta' żgħażagħ bejn it-18 u d-29 sena **<br><br>EECO 07 - għadd ta' parteċipanti ta' 55 sena jew | EECR 01 - parteċipanti li jfittxu impjieg meta jitilqu **<br><br>EECR 02 - parteċipanti li qed jirċievu edukazzjoni jew taħriġ meta jitilqu **<br><br>EECR 03 - parteċipanti li jiksbu kwalifika meta jitilqu **<br><br>EECR 04 - parteċipanti b'impjieg, inkluż dawk b'impjieg indipendenti, meta jitilqu ** |

2 Iridu jiġu rrapportati l-indikaturi kollha tal-output u tar-riżultati relatati mal-parteċipanti.
3 Id-data personali għandha tinqasam skont il-ġeneru (nisa, irġiel, persuni mhux binarji, skont il-liġi nazzjonali). Jekk xi riżultati ma jkunux possibbli, id-data għal dawk ir-riżultati ma għandhiex għalfejn tinġabar jew tiġi rrappurtata.
Fejn xieraq, indikaturi komuni tal-output jistgħu jiġu rrappurtati abbażi tal-grupp fil-mira tal-operazzjoni.
Fejn id-data tinġabar minn reġistri jew minn sorsi ekwivalenti, l-Istati Membri jistgħu jużaw definizzjonijiet nazzjonali.

| | |
|---|---|
| aktar ** <br><br> EECO 08 - persuni b'edukazzjoni sekondarja baxxa jew inqas (ISCED 0-2) ** <br><br> EECO 09 - persuni b'edukazzjoni sekondarja għolja (ISCED 3) jew edukazzjoni postsekondarja (ISCED 4)** <br><br> EECO 10 - persuni b'edukazzjoni terzjarja (ISCED 5 sa 8)** <br><br> EECO 11 - għadd totali ta' parteċipanti [4] | |

* It-tqassim mhux mitlub għall-programmazzjoni iżda għar-rapportar biss.

** Id-data rrappurtata hija data personali skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

---

4 Dan l-indikatur għandu jiġi kkalkulat awtomatikament abbażi tal-indikaturi komuni tal-output relatati mal-istatus tal-impjieg.